Kelmtejn mis-Surmast Direttur (2016)

# Aktar tagħrif dwari u s-Soċjetà

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Dan l-artiklu huwa wieħed minn sensiela ta' kitbiet li jġibu l-isem ta' 'Kelmtejn mis-Surmast Direttur'. L-għan tagħhom huwa li, jinfurmaw u/jew jedukaw lil dawk is-soċi li huma membri fi ħdan l-istess għaqda, xirka, soċjetà, assoċjazzjoni, unjoni, jew klabb mużikali, u b'mod aktar ġenerali, lil dawk li jiffrekwentaw il-każini tal-banda, jew sempliċiment għax huma dilettanti tal-festi maltin. Il-messaġġ tas-surmast direttur, flimkien ma' oħrajn miktubin minn xi membri tal-kumitat u l-kappillan tar-raħal, tkun bil-wisq mistennija fil-ktieb li joħroġ għall-festa sena wara l-oħra.

Kliem muftieħ: Mro. Willie Attard, Patri Ġwann Abela ofm, Membri Atturi 'Stitut Kattoliku (MASK), Ateatru, MADC, Actor's Studio, Il-Famuża Koppla (marċ), Alla memoria di Gaetano Cuschieri (marċ funebri), Festa San Gejtanu, Ħamrun, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' Ħamrun, Banda 'Peace' Naxxar, Catholic Institute Orchestra, Conservatoire National Supérieur Musique et Danse (CNSMD).

Daħla: Mill-*feedback* qawwi li kelli dwar l-artiklu tiegħi tas-sena l-oħra jidher li x-xogħol intgħoġob sew mill-qarrejja Ġużeppini li jixtiequ jkunu jafu dejjem ftit aktar dwari, imma aktar minn hekk, dwar ħidmet is-Soċjetà għażiża tagħna l-aktar fejn tidħol il-Banda u l-attivitajiet mużikali li hi twettaq matul is-sena.

1956: Bix-xieraq li, għall-festa ta' din is-sena, il-Ħamrun jiċċelebra għeluq is-60 sena mill-bini tal-koppla u l-marċ *Il-Famuża Koppla* tas-Surmast Willie Attard. Dawn iż-żewġ avvenimenti storiċi huma bħal tewmin identiċi li twieldu fl-istess ħin, il-wieħed arkitettoniku u l-ieħor mużikali. Jekk issemmi 'l wieħed ma tistax ma ssemmix 'il ieħor. Għal aktar tagħrif ara artiklu tiegħi fil-programm tal-festa ta' din is-sena.



1976: Il-banda tal-iskola. Meta kont nattendi l-iskola sekondarja 'Sir Temi Zammit' tan-Naxxar fis-sebgħinijiet, is-Sir Chetcuti, missier Joseph Chetcuti (vjolinist u preżentatur ta' 'Arani Issa') kien ilaqqgħana tista' tgħid kuljum fil-ħin tal-brejk biex nikkunċertaw il-mużika waqt li hu kien jakkumpanjana fuq il-pjanu. Il-kamra fejn konna niltaqgħu kienet maġenb il-*canteen*, u kull meta t-tieqa kienet tinżamm miftuħa, l-aktar minħabba is-sħana jew biex tidħol xi ftit taż-żiffa ħelwa, ma kontx iddoqq l-iċken nota minħabba r-riħa tfuħ tal-ikel li kienet tibda dieħla! Konna ndoqqu fl-okkażjonijiet kollha ta' matul is-sena skolastika. Ħafna drabi iżda, min kien ikun qed jismgħana jibda jittewweb wara biss ħames minuti daqq! (Fir-ritratt nidhru jien flimkien ma' sħabi tal-klassi tat-tielet sena.)



1981: Il-Kumitat tal-Banda 'Peace' tan-Naxxar, li magħha ħriġt indoqq bil-klarinett meta kont għadni tfajjel, kien iddeċieda li l-banda Naxxarija (li dak iż-żmien ma kienx hemm ħliefha) għandha tieħu sehem fil-karnival ta' Malta. Għandi ngħidilkom li, il-karru jien kont iddisinjajtu, u l-qafas tiegħu konna ħdimnieh il-ħanut jien u missieri qabel ġarrejnieh il-każin biex inkomplu naħdmu fuqu u nagħtuh iż-żebgħa tal-kulur. Dik is-sena konna rbaħna għax ġejna t-tielet minn fost tliet kompetituri! Niftakar li, il-Kumitat ta' dak iż-żmien kien xtrali kitarra spanjola bħala rikonoxximent tal-ħidma tiegħi u tas-suċċess illi ksibna.



1986: Fir-ritratt tal-ġenb nidher qed nidderieġi lill-*Catholic Institute Orchestra* fil-kunċert inawgurali tagħha. Uħud mill-mużiċisti żgħażagħ li kienu jdoqqu magħha dak iż-żmien komplew bl-istudji tagħhom u għamlu karriera fil-mużika. Eżatt warajja, jidher it-tabib Stephen Attard fuq il-pjanu li jiġi iben il-Kaptan Twanny Attard u neputi tas-Surmast Willie Attard. Mur għidlu lil Stephen li, wara tant snin, kelli nkun jien li nilħaq Surmast fejn kien iħabbat nannuh!



Dik is-sena wkoll, inzertat kienet waħda mpenjattiva ħafna għalija peress li kelli nikkomponi l-mużika għal għadd mhux żgħir ta' drammi fosthom, **L-Imsikket** (dramm tal-Passjoni) u **Qalbiena** (dramm storiku), it-tnejn kitba oriġinali ta' Ġwann Abela ofm u produzzjoni MASK. Wara li, l-ewwel rappreżentazzjoni tagħhom kienet issir fl-awditorju tal-Istitut Kattoliku, kienu mbagħad jittellgħu f'postijiet oħra, bħal ngħidu aħna fuq is-sur ta' De Redin, l-Imdina bħala parti mill-Maltafest. Il-mużika tagħhom u ta' oħrajn, kienet tiġi rrekordjata fuq *cassette* fl-istudjows tal-*Media Centre* meta din kellha l-kwartieri tagħha fil-Furjana. Fl-istess teatru wkoll, konna tellajna **Il-Ballata ta' Salvu Skruġ**, l-ewwel pantomima bil-Malti li qatt ittellgħet fuq palk Malti, kitba ta' ħija Saviour u Domenic Said u mużika tiegħi u ta' Toni Sant. Fis-sajf tal-istess sena kont daqqejt ukoll f'**Satira** (verżjoni mużikali) ta' Oreste Calleja. Id-direzzjoni kienet f'idejn Peter Busuttil u produzzjoni ATEATRU. Produzzjonijiet oħra teatrali, did-darba fit-Teatru Manoel, kienu jinkludu ***Five Finger Exercise*** ta' Peter Shaffer mal-MADC, fejn kelli ndoqq bħala pjanista, u **Ir-Rewwixta tal-Qassisin**, dramm satiriku ta' Alfred Buttigieg mal-*Actors' Studio*. Dan id-dramm kien reġa' ttella' fl-istess teatru fl-2005 u li fih kont żidt xi mużika ġdida u arranġajtha għall-orkestra. (Fir-ritratt tal-ġenb nidher qed niddiskuti fuq xi ħaġa mal-attriċi veterana Maltija, Carmen Azzopardi.)




1991: Kont għadni kif ksibt id-diploma u rbaħt il-midalja tad-deheb mill-konservatorju reġjonali ta' Lyon wara sentejn studju. Fl-istess sena irnexxieli nidħol fil-*Conservatoire national supérieur musique et danse (CNSMD)* wara li kont qgħadt għall-eżamijiet kompetittivi ferm iebsin li damu sejrin għal ġimgħa sħiħa. Mis-sena akkademika ta' wara kont dħalt fil-klassijiet tal-professuri Loïc Maillet (illum il-ġurnata l-organista tal-knisja tat-Trinità Mqaddsa ġewwa Pariġi) u

Gerald Gastinel (kompożitur minn Lyon), it-tnejn studenti distinti tal-kompożitur Franċiż ta' fama mondjali, Olivier Messaien (1908-1992). (Fir-ritratt tal-ġenb nidher qed nippoża mal-pjanu f'waħda mis-swali fil-bini tal-konservatorju wara li kien għadu kif tħabbar ir-riżultat.)

Il-ħidma tiegħi fl-aħħar sena: L-ewwel impenn tal-Banda wara l-festa ta' San Gejtanu tas-sena l-oħra kien proprju nhar is-Sibt 14 ta' Novembru meta kien imissha ddoqq il-marċ fil-Belt Valetta fil-festa ta' Sta. Ċeċilja. F'din l-okkażjoni, il-marċ *A Santa Cecilia* ta' Luigi Radelli ndaqq għall-ewwel darba mill-Banda tagħna. Din l-attività annwali tkun organnizzata mill-Għaqda Każini tal-Banda. Fit-23 ta' l-istess xahar imbagħad, il-Banda tagħna laqgħet għal darb' oħra lill-parteċipanti kollha li ħadu sehem fis-sitt edizzjoni tal-*President's Solidarity Fun Run* bid-daqq ta' marċi brijużi quddiem il-Każin stess.

2016: Il-Ħadd 7 ta' Frar saret l-ewwel edizzjoni tal-parata karnivaleska bil-parteċipazzjoni tat-tliet baned Ħamruniżi li bdiet min-naħa ta' fuq ta' Triq il-Kbira San Ġużepp u mxiet sa misraħ San Pawl fejn hemm l-istatwa ta' Fra Diegu. F'temp mill-isbaħ fil-qieraħ tax-xitwa, il-Banda Ġużeppina liebsa b'kostum adattat ferrħet lill-miġemgħa bid-daqq tal-marċi grotteski. L-attività kienet organizzata mill-Kunsill Lokali Ħamrun flimkien mal-Kunsill Malti għall-Arti u bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat għall-Kultura u Gvern Lokali u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.



Peress li, dis-sena l-Ġimgħa l-Kbira ġiet kmieni ħafna, it-tielet edizzjoni tal-Kunċert vokali u strumentali ta' mużika sagra sar il-Ħamis 17 ta' Marzu ġewwa l-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù ta' ħdejn il-knisja parrokkjali matriċi. L-Oratorju minn ġewwa kien armat għall-okkażjoni b'xi drapp vjola u tpoġġiet statwetta tad-Duluri fuq l-artal fejn kien hemm il-banda *da camera* armata bil-bandisti tal-post u oħrajn. Fuq ġenb ukoll, kien hemm manikin ta' Kristu marbut – xogħol l-assistent direttur ġenerali, l-istatwarju Robert Bartolo. It-Tlieta ta' wara mbagħad, sar il-pellegrinaġġ bl-istatwa devota tar-Rendentur. Il-korteo telaq minn Blata l-Bajda u mexa tul it-Triq il-Kbira San Ġużepp, akkumpanjat mill-Banda tagħna. Ħarġet ukoll CD bl-isem ta' 'Il-ħniena kbira t'Alla' li fiha tiġbor uħud mill-aqwa marċi funebri li ħarġu mill-pinna tas-Surmast Miruzzi kif wkoll, *Ai miei genitori* (Mro. Eddie Suda), *Alla memoria di Paolo Claudio* (Mro. Lawrence Borg), *Addio al Eterno* (Mro. Francis Zammit), *Piange Italia* (Mro. Vittorio Maltesei), u *Alla memoria di Gaetano Cuschieri*, kompożizzjoni tiegħi stess. Dawn il-marċi funebri, tneħħi tiegħi, kienu ġew irrekordjata fuq *cassette* f'nofs is-snin desgħin tas-seklu l-ieħor. Din is-CD tinsab għall-bejgħ.

Bħal kull sena wkoll, ma jonqosx l-impenn sħiħ tal-Banda fil-festa ta' San Gużepp, Patrun tas-Soċjetà, li ġiet nhar l-1 ta' Mejju. Filgħodu saret is-soltu quddiesa solenni bis-sehem tal-Banda u s-sopran Giorgia Farrugia Sacco fid-daqq tal-innijiet liturġiċi fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu. Wara sar is-soltu marċ tradizzjonali ta' filgħodu li telaq minn Blata il-Bajda sal-Każin, b'xi waqfa ukoll għal xi bibita jew tnejn. Filgħaxija mbagħad, il-Banda akkumpanjat 'il-vara ta' San Ġużepp u ndaqq l-'Innu Tifħir lil San Ġużepp – fl-agunija u fil-glorja' tas-Surmast Willie Attard, akkumpanjat ukoll mill-kor ta' Sta. Venera taħt id-direzzjoni ta' Joe Tanti. Okkażjoni oħra b'rabta ma' San Ġużepp kienet dik ta' meta ġejna mistednin mis-Soċjetà Missjunarja San Pawl biex indoqqu fil-bitħa tal-Istitut San Ġużepp ġewwa Sta. Venera nhar l-14 ta' Mejju fl-okkażjoni tal-100 sena mit-tberik tal-kappella ddedikata lill-istess Qaddis.

U wara San Ġużepp jiġi s-sajf u miegħu jġib l-istaġun kbir tal-festi. Għandi l-pjaċir ngħid li, anki għal dis-sena, il-Banda żammet il-popolarità qawwija tagħha. Reġa' kellna numru sabiħ ta' servizzi barra mill-pajjiż, bi tnejn minnhom, dak ta' Sta. Marija (Rabat, Għawdex) u l-ieħor ta' Marija Reġina (Marsa) għadhom ġejjin wara l-festa titulari tagħna. Dis-sena wkoll, il-Banda reġgħet

għamlitha! Dan minħabba li, hi kellha żewġ servizzi f'żewġ postijiet differenti, fl-istess ġurnata u fl-istess ħin. Ġara li, il-marċ ta' filgħodu li nagħtu kull sena fil-festa tad-Duluri (San Pawl il-Baħar) ħabat mal-prova ġenerali tal-marċi li jsir fuq it-terrazzin. Nassigurakom li, bħalma kien ġara fl-1993, meta ħabtu żewġ servizzi f'daqqa – Madonna tal-Ġilju (Imqabba) u Qalb ta' Ġesù (Ħamrun), ma kenitx ħaġa faċli għall-Kummissjoni Banda biex issib bandisti biżżejjed għaż-żewġ servizzi, imma bir-rieda tajba ta' kulħadd wasalna wkoll u ħriġna bl-unuri kollha. Kien jiġri l-istess ħaġa li kieku dis-sena messna ndoqqu fil-festa tal-Qalb ta' Ġesù. Dan għaliex, fl-istess ġurnata u ħin kellna marċ u programm B'Kara għall-festa ta' Sant' Antnin. Ma rridx ninsa wkoll is-servizzi kbar li l-Banda tagħna tagħti fil-festa titulari fosthom, il-kunċert vokali u strumentali tal-Ġimgħa 5 ta' Awwissu, li fih, minbarra xogħlijiet klassiċi popolari, moderni u oħrajn, jindaqq l-Innu solenni ta' Miruzzi li ilu jindaqq sa mill-1901!

Ma naqsux ukoll attivitajiet oħra fi ħdan l-iskola tal-mużika 'Carmelo Doneo' fosthom, daqq tal-innijiet tal-Milied u l-*home concert* li fih jieħdu sehem allievi u bandisti tal-post. Iż-żewġ kunċerti kienu diretti mill-assistent surmast, Mro. Justin Martin.

Nagħlaq billi niżżi ħajr lill-President tas-Soċjetà, is-Sur Louis Cuschieri u l-Kumitat Eżekuttiv, liċ-Ċermen, is-Sur Gaetano Cristina u tim kollu tal-Kummissjoni Banda, kif ukoll lill-Kummissjonijiet kollha fi ħdan is-Soċjetà u lil Tal-Miskina Kids Club. Ħajr ukoll lil Mro. Edwin Pace (għalliem ram) u Mro. Tancred Grech (għalliem ram) għad-dedikazzjoni tagħhom biex jgħallmu lill-allievi żgħar u kbar tagħna. Minn hawn nixtieq nifraħ ukoll lil, Anita Caruana (sassofonu kuntralt) u Charlotte Scicluna (kwartin) li dis-sena ħerġin idoqqu għall-festa ta' San Gejtanu u nawguralhom snin twal ta' ħidma mas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħamrun.

Il-festa t-tajba lill-Ħamruniżi kollha.

Viva San Gejtanu!